**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016**

Numru 2

**Appell Nru. 12/2016**

**Emanuel Mallia**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta' Mejju 2016 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' April 2016 li biha ddikjara li l-modifika ghal permess 4618/06 kif ordnat mill-Bord tal-Awtorita fl-10 ta' Ottubru 2013 hi nulla u bla effett;

Rat ir-risposta tal-appellat li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra

L-artiklu in mertu jghid hekk:
77. (1) The Authority or the Tribunal may, only in the cases of fraud or where public safety is concerned or where there is an error on the face of the record, by a decision revoke or modify any licence or development permission granted under this Act, including any clearance issued by the Authority under an Order, stating in such decision its reasons for so doing; and, prior to deciding to revoke or modify a licence or development permission in terms of this sub-article, the Authority or the Tribunal, as the case may be, shall inform the person who will be affected by its decision of the date and time of its meeting where the Authority or the Tribunal shall also hear the said person's submissions if the latter opts to attend, and any other person's submissions:

Provided that the Authority or the Tribunal may in relation to any licence or development permission, including any clearance issued by the Authority under an Order, issued after the date of coming into force of this Act commence proceedings to revoke or modify any such licence or development permission, including any clearance issued by the Authority under an Order, within five years from the date of issuing of the licence or development permission,including any clearance issued by the Authority under an Order.

Ghalhekk id-dicitura tal-ligi hija cara u tapplika ghal dawn il-proceduri. Il-ligi tghid "...within five years from the date of issuing of the licence or development Permission".

Kemm l-Awtorita' u l-objecters mhux qed jaqlu illi l-limitazzjoni statutorja ta' hames snin tapplika ghal kaz odjern hekk kif din il-limitazzjoni statutroja ma tapplikax ghal dawk il-permessi mahruga qabel l-Att Nru. X tal-Kap 504, hekk kif l-istess proviso jindika dawk il-permessi "issued after the date of coming into force of this Act".

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi din il-parti tal-proviso trid tigi kunsidrata fit-termini u l-parametri tal-ligi skont l-Artikolu 97 (4) fejn "Any licence, permission, authority, order, notice or certificate, or any prosecution or charges granted or made under or kept in force under any of the provisions of the Development Planning Act or the Environment Protection Act and still in force immediately before the date of coming into force of this Act shall as from such date continue in force as if it were a licence, permission, authority, order, notice or certificate, or prosecution or charges granted or made under a corresponding provision of this Act (emfazi tat-Tribunal)"

Ghalhekk huwa car ghal dan it-Tribunal illi d-dettami tal-ligi ghandhom japplikaw ghal kull permess li baqa validu u fis-sehh wara li gie fis-sehh il-

Kap 504, u ghaldaqstnat it-terminu ta’ hames snin ghandu ukoll japplika fil-kaz de quo.

It-Tribunal huwa tal-fehma li hawn si tratta ta' kwistjoni ta' ordni pubblika. Huwa necessarju li jkun hemm element ta' certezza fil-ligijiet taghna u ghalhekk il-Legislatur dahhal il-perjodu ta' hames snin proprju sabiex ikun hemm element ta' certezza. Wiehed jista f'dan is-sens jaghmel rifereza ghal diversi gudikati li jittrattaw dwar l-istitut ta' Preskrizzjoni fejn ukoll hemm elementi ta' Ordni Pubbliku. It-Tribunal hawn jista jaghmel riferenza ghal diversi decizjonijiet taghha stess u gudikati tal-Onor. Qrati in rigward ghal kwistjoni ta' fuori termine fil-presentata ta' Appell quddiem dan it-Tribunal.

Ukoll:
It-termini ghall-appell huma ta’ ordni pubbliku u ma tista’ ssir ebda deroga minnhom; it-termini jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza u dan hu hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien.

Fil-kawza Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta’ Ottubru, 2010, intqal hekk dwar innatura tat-termini ghal appell: “Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` ta’ proroga, u lanqas ta’ sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta’ l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta’ Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b’konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta’ rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata.

Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta’ certezza u, ukoll, ta’ uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi Qrati tal-Gustizzja osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u f’ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» (“Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila”, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta’ Marzu, 1997)”. Ara “Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority”, Appell Inferjuri, 12 ta’ Dicembru, 2007;” .

Fl-Appell odjern ma ghandhiex terminu perentorju ta' appell izda terminu wkoll perentorju relatat ma' meta jispicca d-dritt li wiehed iqajjem l-Artikolu 77 – il-Legislatur imkien ma ddikjara illi dawn il-hames snin jibdew jghaddu minn meta jigi, per ezempju, mikxuf xi frodi (kif seta). Hawn japplika d-dettam legali semplici u car – il-ligi hi li hi u trid tigi segwita ubi lex voluit dixit!

L-Objectors ghamel riferenza ghall-fatt li l-ilment tqajjem fil-perjodu ta' hames snin u dan huwa minnu. Izda l-ilment ma hux dwar l-Artikolu 77 izda huwa semplici lment li certament ma jinkwadrax ruhu fid-dettami tal-Artikolu 77.

> Ghal kull bwon fini t-Tribunal jiccara li l-kwistjoni relattiva ghat-trapass ta' hames snin tqajmet mit-Tribunal di sua sponte proprju billi si tratta ta' kwistjoni ta' ordni pubblika. Kwisjtonijiet ta' ordni pubblika huma tali li kull Tribunal rinfaccjat b'tali sitwazzjoni irid bilfors iqajjimha – basta li l-partijiet ikunu gew avzati u jinghataw l-opportunita' li jittrattaw dwarha.
>
> Ghalhekk it-Tribunal jiddisponi minn dan l-Appell billi jiddikjara illi l-modifika ghall-Permess 4618/06 kif ordnat mill-MEPA Bord fl-10 ta' Ottubru 2013 hija nulla u bla effett.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. L-artikolu 77 tal-Kap. 504 li jimponi terminu ta' hames snin sabiex jittiedhu proceduri mill-Awtorita kontra permess mahrug japplika biss ghal dawk il-premessi mahruga wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 504 fl-2010. La darba l-ligi ma timponi ebda restrizzjoni fuq permessi mahruga qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504, l-Awtorita mhix marbuta b'ebda terminu biex tapplika d-dettami tal-artikolu 77. It-Tribunal ma jistax ivarja jew ibiddel dak li l-ligi tghid espressament.

Din il-Qorti tqis illi l-Awtorita ma ghandhiex ragun f'dan l-appell.

Jigi rilevat qabel xejn illi din l-ordni tal-Awtorita biex jinbeda l-process ta' modifika tal-permess saret a bazi tal-artikolu 77 tal-Kap. 504. It-talba formali saret fit-18 ta' April 2013. Hu pacifiku illi dan il-permess inhareg qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504. Fil-fatt il-premess igib in-numru 4618/06.

L-artikolu 77 tal-Kap. 504 jirreferi b'mod car u specifiku ghal process ta' modifika jew revoka ta' permess li nhareg wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 504. L-artikolu hu ghalhekk limitat biss ghal permessi b'data specifika ta' hrug u terminu perentorju ta' dekadenza li fih l-Awtorita tista' tiehu passi. Hi l-fehma tal-Qorti li l-legislatur wera b'mod car l-intenzjoni tieghu li ma hiex suxxettibbli ghal ebda interpretazzjoni b'mod li titqies tinkludi dak li mhux espressament inkluz mill-legislatur. Il-ligi ghandha tigi applikata u interpretata fil-parametri tat-termini taghha u fil-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit.

F'dan il-kaz l-Awtorita qed tipprova takkampa ma' artikolu tal-ligi li espressament jirreferi ghal cirkostanzi ta' fatt u zmien u li ma jaqblux mal-fattispecie tal-kaz. Il-Qorti ma tqis floku l-argument tat-Tribunal dwar l-applikabilita tal-artikolu 97(4) tal-Kap. 504 ghax dan jitkellem fuq il-kontinwazzjoni tal-validita ta' permessi, ordnijiet, eccetra li nhargu qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504 u li ghal finijiet tal-ligi ghandhom jitqiesu li huma licenzi, ordnijiet, eccetra mahruga taht dan l-Att. Il-kaz quddiem il-Qorti hu kompletament differenti ghax l-Awtorita qed tavvali ruhha minn artikolu tal-ligi li l-fattispecie tieghu ma jaqax fil-parametri li ried il-legislatur.

Hu car li hemm lacuna ghal kaz in kwistjoni. L-uniku artikolu li seta' jigi invokat ghal revoka ta' permess mahrug qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504 kien l-artikolu 40 tal-Kap. 356 li tahtu nhareg il-permess, pero dan gie abrogat fil-31 ta' Dicembru 2010 b'Avviz Legali 512/2010. Kwindi ma hemm ebda artikolu tal-ligi li tahtu l-Awtorita tista' tivvanta drittijiet bhal dawk taht l-artikolu 77 tal-Kap. 504 ghal permessi mahruga qabel. Jekk hemm dan in-nuqqas legislativ irid jirrimedja ghalih il-legislatur u mhux l-Awtorita jew it-tribunal u anqas il-Qorti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tichad l-appell tal-Awtorita, tikkonferma ghalkemm ghal raguni differenti, id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' April 2016. Spejjez ghall-Awtorita.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur